32004D0379

30.4.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 144/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' April 2004

li temenda d-Deċiżjoni 2001/471/KE fejn għandu x'jaqsam ma' testjiet batterjologiċi f'ċerti stabbilimenti tal-laħam

(notifikata taħt id-dokument numru K(2004) 1519)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/379/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE: tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u *marketing* ta' laħam frisk [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 [2] tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/471/KE(2) tobbliga lill-operaturi ta' stabbilimenti tal-laħam biex jagħmlu kontrolli regolari fuq il-kondizzjonijiet ġenerali ta' iġjene tal-produzzjoni fl-istabbilimenti tagħhom.

(2) Dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli għal testijiet batterjoloġiċi ta' karkassi ta' bhejjem, majjali, ngħaġ, mogħoż u żwiemel. Hi tiddisponi li r-riżultati tat-testijiet batterjoloġiċi għandhom jiġu kkonvertiti f'valuri medji tal-log ta' kuljum biex ikunu jistgħu jiġu kkomparati mal-limiti li tistabbilixxi.

(3) L-Istati Membri bħalissa qegħdin jimplimentaw żewġ metodi differenti ta' kalkolu biex jikkonvertu r-riżultati tat-testijiet f'valur medju tal-log, li jirriżulta f'valuri numeriċi differenti.

(4) L-implimentazzjoni ta' testijiet batterjoloġiċi għandha tkun armonizzata ġewwa l-Komunità. Il-metodu ta' kalkolu għall-konverżjoni tar-riżultati tat-testijiet batterjoloġiċi tal-laħam stabbiliti fid-Deċiżjoni 2001/471/KE għandhu għalhekk ikun ikklarifikat.

(5) Id-Deċiżjoni numru 2001/471/KE għandha, għalhekk, tiġi emendata skond dan.

(6) Il-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2001/471/KE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-20 ta' Mejju 2004

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 95/23/KE (ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 7).

[2] ĠU L 165, tal-21.6.1, p. 48.

L-ANNESS

Parti 1 ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2001/471/KE hija emendata kif ġej:

1. Fit-Taqsima bl-isem "L-Applikar ta' kriterji mikro-bioloġiċi lir-riżultati tal-kampjun eskluży (Tabella 1)", l-ewwel sentenza hija mibdula b'dan li ġej:

   "Ir-riżultati medji tal-log ta' kuljum għandhom jiġu allokati f'waħda mit-tliet kategoriji għall-verifikazzjoni tal-kontroll tal-proċess: aċċettabbli, marġinali, u mhux aċċettabbli."

2. It-tabella 1hija mibdula b'dan li ġej:

"Tabella 1

Valuri [1] **medji tal-log ta' kuljum għal riżultati marġinali jew mhux aċċettabbli għal kriterji ta' prestazzjoni batterjoloġika għall-unitajiet ta' bhejjem, majjali, ngħaġ, mogħoż u żwiemel (cfu/cm²) għal kampjuni meħuda bil-metodu distruttiv.**

		Serje aċċettabbli		Serje marġinali	Serje mhux aċċettabbli
		Bhejjem/ngħaġ/ mogħoż, żwiemel	Majjali	Bhejjem/majjali/ ngħaġ/mogħoż/ żwiemel	Bhejjem/majjali/ ngħaġ/mogħoż/ żwiemel
Valuri medji tal-log ta' kuljum għal	Impulsi vijabbli totali (IVT)	< 3,5	< 4,0	3,5 (majjali: 4,0) - 5,0	> 5,0
	Entero-bacteriacae	< 1,5	< 2,0	1,5 (majjal: 2,0) - 2,5 (majjali: 3,0)	> 2,5 (majjali: > 3,0)

[1] Il-valur medju tal-log ta' kuljum huwa kkalkulat billi l-ewwel tieħu valur tal-log (log_{10}) ta' kull test individwali mbagħad tikkalkula l-medja aritmetika ta' dawn il-valuri tal-log"